MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Numru. 134/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**AARON CASSAR**

**(ID: 137880M)**

**JOSEPH GRECH**

**(ID: 156363M)**

**Illum, 26 ta' Mejju, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **AARON CASSAR** ta' 32 sena, iben John u Mary Grace nee' Mallia, imwieled Pieta' nhar l- 20 ta' Frar, 1980, residenti gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detenur ta' karta ta' l-identita' nru. 137880(M) u **JOSEPH GRECH** iben Joseph u Josephine nee' Farrugia, imwieled Qormi nhar id-9 ta' Marzu, 1963 residenti gewwa l- l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 156363(M) gew akkuzati talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe':

Talli fit-8 t'Awwissu 2010, ghal habta tad-9:20 ta' filghodu gewwa l-Fexco Exchange Bureau fi Triq Santu Wistin, Paceville, San Giljan flimkien ma' Keith Galea u persuna ohra mhux maghrufa:

1. Ikkommettew serq t'ammont konsiderevoli ta' flus kontanti f' denominazzjonijiet ta' Euro, Sterlini u Dollari Amerikani, *gift vouchers* u *mobile phone top up cards*, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€ 2329.37) u li sar ghad-

dannu tas-socjeta' Fexco Financial Services (Malta) Ltd. (issa Fexserv Financial Services Ltd) u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet ohra;

2. Aktar talli, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Josef Aquilina kontra l-volonta' tieghu, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha jew mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

3. U aktar talli, filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellhom fuqhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;
4. ukoll talli wzaw vjolenza sabiex igieghlu lil Josef Aquilina, jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

5. U aktar talli volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fi hgiega *bullet-proof* fl-istess ufficcju, liema hsara tiskorri l-elf mija w erbgha w sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu tas-socjeta' Fexco Financial Services (Malta) Ltd. (Issa Fexserv Financial Services Ltd) u/jew ta' persuna/i u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet ohra;

6. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sparaw arma tan-nar qalb zona t'abitazzjoni.

7. Akkuzati aktar talli fl-istess jum u fix-xhur ta' qabel, f'San Giljan u f'diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, zammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew il-barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellhom licenza taht l-istess Att:

8. Aktar, talli fil-5 t'Awissu, 2010 ghall-habta tas-1 ta' filghodu, minn Triq Dun Karm, Birkirkara ikkommettew serq ta' vettura Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni KBB145, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (€ 2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Mario Cassar u/jew ta' persuna/i ohra;

9. U talli fil-lejl bejn is-7 u t-8 t'Awwissu, 2010 minn Triq it-Trill, San Pawl il-Bahar kkommettew serq ta' par tarek tar-registrazzjoni ta' vettura tal-marka Hyundai Accent, bin-numru tar-registrazzjoni FBP 765, liema serq hu aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Afos Anto Afos Ampanso u/jew ta' persuna/i w/jew entitajiet ohra;

10. W aktar talli fit-8 t'Awissu, 2010, u/jew fil-jum ta' qabel, f'San Giljan, fis-Swieqi u/jew fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, sabiex jiksbu vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghall-haddiehor, f'xi

dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, billi biddlu t-tarek tar-registrazzjoni ta’ vettura numru KBB145, ma dawk ta’ vettura numru FBP765 ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi wzaw par tarek tar-registrazzjoni ta’ vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe’ numri FBP765 minflok in-numri originali KBB145 u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ta’ l-Artikolu 15(1A) ta’ l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

12. Akkuzati wkoll talli fit-8 t’Awwissu, 2010 u/jew fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ vettura tal-marka Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni KBB 145, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha w sittin Euro u disgha u sittin centenzmu (€1164.69) izda izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha w erbghin centenzmu (€116.47) ai termini ta’ l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta’ Mario Cassar u/jew ta’ persuna/i , w/jew ta’ xi entita w/jew entitajiet ohra;

13. Finalment akkuzati wkoll talli rrendew rwiehom recedivi ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz

ta' diversi sentenzi mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definitivi u ma jisghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom zewg fedini penali tal-imputati a fol. 12 et seq u fol 21 et seq, zewg stqarrijiet a fol 34 et seq u fol 39 et seq, zewg dikjarazzjonijiet ta' rifjut tal-jedd ghal Parir Legali a fol 38 u fol 43, zewg estratti mill-att tat-twelid tal-imputati a fol 44 u 45.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Rat l-artikoli kif mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-20 ta' Jannar 2014 (fol. 341) u rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita (fol. 343).

Ikkunsidrat.

**Jeffrey Schembri** xehed fid-19 ta' Frar, 2013 u tenna li fis-sena elfejn u ghaxra (2010) kien stazzjonat l-Ghassa Birkirkara, bhala Surgent PS 564. Jispjega illi fil-5 t'Ottubru 2010 kien mar jirrapporta certu Mario Cassar li kien qam fil-ghodu u ma kienx sab il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni KBB-145 ta' l-ghamla Hyundai Silver. Jghid illi hu kien dahhal ir-rapport tas-serqa, kien staqsieh meta kien ra l-vettura l-ahhar

u kkonferma illi kienet il-mara tieghu li kienet  ipparkjatha ghal habta tan-nofs siegha (12:30) u meta l-ghada filghodu qm biex imur ghax-xoghol ma sabhiex.

Huwa seduta stante ffirma l-okkorrenza li kien ha u liema okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dokument **JSM.**

**Josef Aquilina** xehed fid-19 ta' Frar, 2013 u spjega illi fit-8 ta' Awwissu, 2010 kien impjegat mal-kumpanija Fexco illum Fex Services Limited fuq bazi *part time* bhala *front liner* fil-*bureau* ta' San Giljan.

Jghid illi l-ufficcju kien fejn hemm il-lukanda Bernard illum fit-triq tal-Intercontinental pero' ma jafx x'jisimha t-triq. Jghid illi minkejja x-xoghlijiet li kienu qed isiru fil-lukanda l-*bureau* kienet baqghat miftuha ghall-pubbliku.

Ikkonferma li dakinhar ghal habta tad-disgha u ghaxra ta' filghodu (9:10am) huwa dahal ghax-xoghol u fetah il-bureau kif jaghmel is-soltu. Spjega illi sabiex jagamel dan ghadda mis-sit ta' fejn kienet il-lukanda Bernard biex imbaghad rega' hareg halli jiftah il-bieb ta' barra u jerga' jidhol.

Jghid illi dakinhar kien hemm diga mara qed tistenna u milli jista' jghid kienet qisha Filippina. Izda meta dahal lura biex jibda xoghlu hargu tlett min nies minn wara l-hajt u bdew jghidulu biex ma jicaqlaqx. Sema' tir u

lil dik il-mara twerzaq. Jghid illi semaghhom jifthemu biex jigi xi hadd ghalihom. Huma talbuh jinzel gharkuptejh u rabtuh hemmhekk. Jghid illi l-komunikazzjoni maghhom kienet bil-Malti.

Spjega  illi kienu libsin l-iswed u maskli mhux grotteski pero' li meta hargu minn wara l-hajt hasduh. Jghid illi hu ma jafx kemm kienu nsterqu pero' milli kien qara fil-gurnali kienu nsterqu xi ghoxrin elf ewro (€20,000).

Jghid illi dawn il-flus kienu jikkonsistu fi flus ta' karti u muniti, *cheques, cheques* b'munita barranija ta' Bond u shares, flus barranin u denominazzjni varja, l-aktar dollari Amerikani, u Lira Sterlina. Izda huma jkollhom ukoll *one for all gift vouchers* u *cards* tal-*Mobiles*. Izda mhux kulhadd ikollu l-istess amont fil-*cash flow* tieghu u lanqas l-istess ammont ta' *Cheques* u ghalhekk ma kienx cert mill-ammont li gew derubati.

Jghid illi l-flus haduhom mis-*safe* li kien miftuh. Wara li telqu huwa talab l-ghajnuna biex jinhall. Spjega li kienu waqghu xi flus minn idejn il-malviventi liema flus bdew jingabru min-nies li kien hemm.  Jiftakar li kien il-kok tar-restaurant li kien ghenu jinhall. Huma kienu rabtuh bil-*cable ties*.

Kif inhall, dahal fil-bureau u ghafas il-*Panic Button*, imbaghad cempel lil *manager* tieghu David Borg Hadley u gharrfu b'kollox. Jghid li ra taqlib u l-hgiega ta' quddiem il-kaxxier imxaqqa. Jispjega li hu ma kellux ikun

hemm ghaliex propju x-*shift* tieghu kien fil-ghaxija. Izda kien bidilha lil siehbu u dakinhar kien ser jidhol fil-ghodu u fil-ghaxija. Jghid illi l-procedura biex jinfetah il-bureau dejjem kienet l-istess kif fil-fatt spjega qabel. Ghas-sit ta' Bernard kullhadd kellu c-cavetta tieghu izda li kienet l-istess ghal kulhadd. Izda biex jithlu fil-bureau kulhadd kellu *code*. Dan sabiex l-alarm jigi dizattivat, tixghel il-computers, tixghel is-sistema, tinfetah il-*cash flow* u tixghel ir-*rate board.*

Jghid illi l-bieb tal-bureau ma kienx jinghalaq sew u dan minhabba l-hajt tal-gypsum u t-tibdil li beda jsir fuq il-post. Allura ghalkemm huma dahlu u l-bieb inghalaq bit-tisbita dan rega' nfetah.

**Keith Galea** xehed fid-19 ta' Frar, 2013 u kkonferma li huwa ma kienx appella mis-sentenza li hu kien inghata fil-5 ta' Dicembru 2012 mill-Magistrat Carol Peralta. Jghid illi kien mar l-imputat Joe Grech li qed jaghrfu prezenti fl-awla u dan qallu li kien hemm bicca xoghol biex jahdmuha. Hu kien ghadu hiereg mill-habs u ma kellux flus. Grech kien qallu li l-valur kien ta' mitt elf ewro (€100,000). Hemm kienu ltaqghu hdejn Baystreet u hemm iltaqa' ma' Aaron ukoll. Kienu ftehmu meta u kif kienu ser iwettqu din is-serqa.

Kienu marru ghalih Joe u Aaron u xi hadd iehor li ma jafx min. Kien saq warajhom ghas-Swieqi. Marru go barriera u bidlu l-pjanci. Wara marru go parking hdejn San Gorg biex jistennew il-hin jghaddi.

Aaron kien sgassa l-injama tal-lukanda u kienu dahlu hu, Aaron u l-iehor, ragel ta'madwar 40 sena li kien rah dakinhar biss f'hajtu. Hu u Aaron kienu armati b'revolvers u Joe kien qad jistenna barra bhala xufier. Huma libsu hwejjeg normali pero' kellhom maskla tar-*rubber*. Ix-xhud stqarr illi kien huwa li kien ipponta arma lejn ras persuna. Hu kien qaghad mal-lavrant sakemm saret is-serqa u kien sema' zewg sparaturi. Imbaghad kienu harbu bil-karozza l-misruqa u marru fil-karozza tieghu. Kienu marru d-dar tieghu dak iz-zmien Santa Venera u qasmu l-flus. Kienu qisu hadu xi hamest elef ewro (€5,000) kull wiehed. Kien hemm diversi karti ta' flus differenti u anke muniti. Kienu hallew kollox ghandu mbaghad hu kien qabad u rema kollox.

Lil Aaron kien sar jafu tlett ijiem qabel u lil Joe kien jafu ghaliex kienu ghamlu erba' (4) xhur habs flimkien f'Division 5. Mistoqsi jekk kienx inqala' xi argument wara jghid illi hu kien gie bla flus u bla karrozza u kien mar jitallab xi flus u ma riedux jghinuh u kien halla kollox ghaddej. Izda Aaron imbaghad kien hariglu mat-tfajla u ddecieda li jikxef kollox.

In ri-ezami jghid illi Aaron kien liebes flok ahmar izda ma jiftakarx x'kienu liebsin l-ohrajn u lanqas ma jaf x'kien liebes hu. Il-vittma kienu rabtuh u l-*cable ties* kien gabhom Aaron.

Mistoqsi jekk jiftakarx car li Aaron kellu flok ahmar, jghid li dwar dan m'ghandux dubju. Jghid illi Aaron kull ma ghamel kien li dahal ha l-flus u spara, izda huma hemm gew ma tantx damu. Ir-revolver ma kienx ippuntat u wiccu kien bil-kontra tieghu. Mistoqsi jekk l-ostagg setghax ra

lil Aaron jghid li seta' rah, pero' ma jimmaginax li dak il-hin kellu mohh jara kulur il-flokk.

Jghid illi kien Aaron li dahal l-ewwel. Jghid li hu ma kellu ebda nvolviment mas-serq tal-pjanci. Bhala flus pero' jahseb li kulhadd ha l-istess u dan ghaliex qasmuhom quddiemu.

**Robert Bugeja** xehed fl-21 ta' Marzu, 2013 u ghan-nom ir-Registratur tal-Qrati esebixxa vera kopja tal-process fl-ismijiet **<u>il-Pulizija Spettur (Joseph Mercieca) u (Nikolai Sant) vs. Keith Galea</u>** liema process gie mmarkat bhala **DOK . BR1.**

**Brian Farrugia** xehed fl-21 ta' Marzu, 2013. Jghid illi xoghlu hu *legal officer* fi hdan l-Awtorita' tat-Trasport f'Malta. Jghid illi ntalab jaghmel ricerka dwar zewg vetturi wahda bin-numru ta' registrazzjoni DAE 078 vettura tal-ghamla Hyundai Accent ta' kulur silver u jghid li din hi registrata f'isem Afos Anto Afos Ampanzo bil-karta ta' l-identita' 38390A. Din ilha hekk registrata fuq ismu mit-13 ta' Awwissu tas-sena 2008.

Fir-rigward it-tieni vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAE 078 din ukoll hija vettura ta' l-ghamla Hyundai Accent ta' kulur abjad li din hija registrata fuq isem Ruth Buhagiar bil-karta' ta' l-identita' 98376M u ilha rregistratha fuq isimha mit-8 ta' Gunju, 2010. Huwa esebixxa d-dokument mahrug mit-Tansport Malta li gie mmarkat **DOK BF1.**

Spjega li l-vettura bin-numru KBM 956 qabel kellha n-numru ta' registrazzjoni KBB145 u dan bejn il-perjodu ta' 24 ta' Dicembru 1997 u 16 ta' Awwissu 2010.

Jghid illi r-raguni ghaliex ikunu nbidlu l-pjanci hu ma jkunx jafha. Jghid illi din tghajjat lil Mario Cassar bil-karta ta' l-identita' 493762M u ilha tghajjat lilu mill-24 ta' Dicembru 1997. Din il-vettura hija ta' l-ghamla Hyundai Accent ta' kulur silver. Jghid illi f'Awwissu 2010 kienet ghadha tghajjat lil Mario Cassar.

**John Gioacchino** xehed fil-21 ta' Marzu, 2013. Jghid illi hu Financial Controller tal-kumpanija Fexco illum FexServ. Jghid illi wara li saru jafu bis-serqa, hu kien mar l-ufficju u gabar l-informazzjoni kollha bil-mezzi li huma ghandhom biex ikunu jistghu jistabilixxu ezatt l-ammont li kien insteraq dakinhar tal-hold up.

Muri Dok. BR1 u cioe' l-process f'isem **Pulizija vs. Keith Galea**, u appuntu fol 124 jghid li hemm dikjarazzjoni tal-ammont li kien insteraq f'dan il-kaz. Jikkonferma li kien hemm sbatax-il elf, tlett mija u tlieta u tmenin Ewro (€ 17,383) f'*cash* kontanti, is-somma ta' elf, erba' mija u disghin (1,490) fi flus sterlini, is-somma ta' elfejn, disa' mija u hamsin (2,950) f'Dollari, is-somma ta' mitejn u tmenin (280) valur ta' Vodafone cards tal-ghaxar (10) Ewro, is-somma ta' hames mija u erbghin (540) fi Vodafone cards ta' l-ghoxrin (20) ewro, is-somma ta' mija u sebghin (170) go cards tal-ghaxar (10) ewro-il wiehed, is-somma ta' erba' mija u

erbghin (440) f'Go Mobile Cards tal-ghoxrin (20) ewro, is-somma ta' tliet elef, tmien mija u erbghin (3,840) valur ta' One for All Gift Vouchers nominati kull wahda tal-fifteen (15) Ewro u s-somma ta' erbat elef, mitejn u tmenin (4,280) f'gift vouchers pero' demoninati ghoxrin (20) ewro-il wiehed.

Jghid illi din ir-ricerka kien ghamilha hu flimkien mat-tim tieghu u dokumenti hemm annessi huma l-*breakdown* ta' l-ammonti.

Huwa esebixxa dokument immarkat bhala **DOK GG1** li huwa c-certifikat emendat mahrug mir-Registry of Companies, fejn juri l-isem tas-socjeta' fejn jahdem hu kien inbidel minn Fexco ghal Fexserv.

Jghid illi huma kienu assigurati u kienu ghamlu l-*claim* abbazi ta' din id-dikjarazzjoni. Apparti l-affarijiet misruqa kien hemm ukoll hsarat, fil-hgiega tal-counter. Dawn il-hsarat jammontaw ghal elfejn ewro (€2,000). Apparti ovvjament l-installazzjoni biex inehhu l-hgiega u jirrangaw ftit il-post, kien hemm ftit inqas minn erbat elef (4,000) ewro bhal spejjez.

**PS 46 Charlo Casha** xehed fil-21 ta' Marzu, 2013. Jghid illi jekk jiftakar sew hu kien li hadem bhala *scene of crime officer* u kien eleva xi affarijiet. Fil-fatt seduta stante ntalab jaghmel *re-prints* tar-ritratti peress tali ritratti ma kienux qed jiffurmaw parti mill-Proces Verbal.

**WPC 310 Sefora Debono** xehdet fil-21 ta’ Marzu, 2013. Meta giet il-process fil-konfront ta’ Keith Galea gharfet ir-rapport li kienet ghamlet fit-8 ta’ Awwissu waqt li kienet xoghol il-Qawra meta mar Aos Anto Ampanzo u rraporta li kellu z-zewg *number plates* tal-vettura Hyundai Accent griza kienu neqsin. In-*number plate* kien jaqra FBP765.

**WPC 207 Christine Calleja** xehdet fl-21 ta’ Marzu, 2013. B’referenza ghar-rapport 6A/N/2767/2010, tghid illi dak iz-zmien is-surgent kien ghadu jilhaq u ma kellux is-sistema tal-PIRS, ma kellux password ghal PIRS two u ghalhekk taghtu s-sistema taghha. Tikkonferma li hi ma kinitx involuta fl-ebda rapport.

**PS 11 Daniel Zammit** xehed fil-21 ta’ Marzu, 2013. Jghid illi dakinhar tal-*hold up* waqt li kien qieghed ilahhaq id-distrett ta’ San Giljan kien gie nfurmat li kien sehh *hold up* fl-istabbiliment Fexco u marru fuq il-post u sabu l-vittma li kien qieghed fi stat ta’ xokk. Fil-fatt l-ewwel haga li ghamlu apparti li ghalqu l-akkwata kien li gabu tabib  ghal vittma ha jara x’kellu bzonn.

Jghid illi kien hu li kien ghamel l-ewwel rapport u jghid li dan jidher li ghamlitu WPC 207 ghaliex dak iz-zmien hu ma kellux password tas-sistema tar-rapporti, allura kellu bzonn l-*orderly* ta’ l-ghassa titftahlu r-rapport.

Huwa pprezenta kopja tar-rapport li gie mmarkat bhala **DOK DZ1.** Jikkonferma li dan huwa l-istess rapport li hemm esebit fil-process ta' Keith Galea a fol 91.

**PS 1074 Luke Stivala** xehed fil-21 ta' Marzu, 2013. Jghid illi bejn id-disgha u d-disgha u nofs kienu gew infurmati li kien sar hold up fl-istabbiliment Fexco ta' San Giljan. Jghid illi marru fuq il-post mal-ewwel u hemmhekk iccekjaw l-affarijiet kif suppost. Kien hemm persuna wahda u kien hemm xi turist li kien kiteb in-numru tal-vettura li kienet telqet minn fuq il-post. In-numru kien FBP 765 u l-karozza kienet tal-ghamla Hyundai Accent Silver u bdew ifitxxu din il-vettura. Din il-vettura kienet instabet ftit wara gewwa Triq il-Qasam is-Swieqi. Ikkonferma li dan kien l-involviment tieghu.

**Dr. Claudette Fenech LL.D** xehdet fis-26 ta' April, 2013. Tghid illi hi giet mitluba tikkonferma kumpanija meta biddlet l-isem. Il-kumpanija in kwistjoni kienet Fexco Financial Services Malta Limited li fis-sitta ta' Ottubru 2010 kien jisimha FexServ Financial Services Limited. Tghid illi hi qed tidher ghan-nom ir-registratur tal-kumpaniji fi hdan l-MFSA. Ipprezentant ukoll certifikat fejn juri t-tibdil ta' l-isem minn Fexco Financial Services Malta Limited ghal Fexserv Financial Services Limited u Memorandum and Articles of Association li jgib id-data sitta (6) ta' Ottubru 2010.

Tghid illi fit-8 ta' Awwissu 2010 il-kumpanija kienet ghadha bl-isem antik Fexco Financial Services Malta Limited. Dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala **DOK CF 1.**

In kontro-ezami spjegat illi bhala kumpanija din illum ghadha tezisti, kien inbidel l-isem biss, pero’ l-kumpanija ghadha hemm, bl-istess Memorandum and Articles of Association.

**Brigadier Maurice Calleja** xehed fis-26 ta’ April, 2013. Gie muri r-relazzjoni li kienet giet ezebita fil-mori tal-kawza kontra Keith Galea fl-ismijiet **il-Pulizija vs Keith Galea** li dak iz-zmien kienet qed tinstema quddiem il-Magistrat illum imhallef Dr. Jacqueline Padovani Grima u a fol 355 ta’ dak il-process gharaf ir-relazzjoni tieghu rigward *holdup* li kien sar f’Paceville.

Spjega li l-inkarigu li kien inghata kien fil-kaz ta’ Keith Galea u mhux fil-konfront ta’ l-imputati odjerni. Jghid illi l-inkarigu taghhom ma kienx fil-konfront ta’ Joseph Grech u Aaron Cassar.

**Spettur Joseph Mercieca** xehed fis-26 ta’ April, 2013. Jghid illi nhar il-Hadd 8 ta’ Awwissu 2010 ghal habta tad-disgha u nofs ta’ fil-ghodu l-*Control Room* tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija kienet irceviet diversi telefonati li kienet ghadha kif sehhet serqa armata gewwa l-Fexco Exchange Bureau fi Triq Sant Wistin, Paceville fil-limiti ta’ San Giljan. Xi whud minn dawk li kienu cemplu kienu nfurmaw il-pulizija li l-malviventi kienu harbu b’karozza Hyundai Silver fid-direzzjoni ta’ Swieqi. Persuna ohra li kienet baqghet kunfidenzjali kienet gharrfithom ukoll li n-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura kien FBP 765. Jghid illi dak iz-zmien hu kien *duty officer* tas-CID, kif kien telaq mill-*control room*, kien rega’ gie

nfurmat li kienet cemplet persuna din id-darba femminili li kienet infurmathom li tlett persuni suspettuzi kienu ghadhom kif abbandonaw karozza Hyundai Accent ta' kulur il-fidda fi Triq il-Qasam, is-Swieqi u harbu minn fuq il-post b'mod panikuz gewwa vettura bin-numru DAE 078 minn Triq il-Qasam fid-direzzjoni ta' Pembroke.

Kien gie nfurmat illi l-Hyundai Accent Bajda kienet registrata fuq Ruth Buhagiar ta' 19, Triq Ebona, Zebbug. Jghid illi hu mal-ewwel baghat *unit* tal-mobile hemmhekk fuq il-post biex jiccekkjaw. Il-pulizija kienu marru diversi drabi hemmhekk fuq il-post pero' ma kienu sabu lil hadd. Jghid illi hu mar is-Swieqi fejn hemmhekk sab il- *get away car*. Din il-vettura nstabet miftuha, go fiha kien hemm ir-*running board* tan-naha tal-bieba tax-xellug ta' wara kien hemm zewg boroz tal-plastic li go fihom kien hemm ghadd ta' muniti, kien hemm ukoll xi muniti mxerrda fuq it-tapit tan-naha tal-passiggier ta' quddiem u kien hemm karta ta' l-ghaxar ewro taht is-*seat* tal-passiggier ta' quddiem. Kien hemm ukoll xi ftit muniti mal-art fuq in-naha tax-xellug ta' l-istess karozza u meta ccekja l-licenzja tal-karozza sab li din kienet tikkorrispondi ma' vettura bin-numru KBB 145.

B'dan huwa spjega li n-numru FBP 765 kien falz. Jirrizulta wkoll illi l-vettura KBB 145 kienet misruqa mill-periferija ta' bejn Birkirkara u l-Iklin nhar il-5 ta' Awissu 2010. Dwar din is-serqa kien gie redatt rapport 8R2145/2010 li gia gie ezebit fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2013 quddiem il-Qorti.

Jghid ukoll illi kien irrizulta illi l-pjanci FBP 765 kienu gew rappurtati misruqa mill-vettura Hyundai Accent ohra li kienet ipparkjata l-Qawra l-lejl ta' qabel u dwar din is-serqa kien gie redatt ir-rapport numru 9V3721/2010.

Hu kien baqa' sejjer fuq ix-xena tad-delitt cioe' fi Triq Sant Wistin Paceville fejn gara l-*holdup*, hemmhekk kien hemm diga l-kollega tieghu l-Ispettur Nikolai Sant fost numru ta' Pulizija ohra u rrizulta li l-Exchange Bureau fejn sar il-holdup kien jifforma parti dak iz-zmien mill-ex-Bernard Hotel li kienet ghaddejja minn process ta' rinovazzjoni anke fl-istruttura taghha. L-unika access li kien hemm ghan-naha ta' wara ta' dan il-Bureau in kwistjoni kien hemm bieb temporanju fil-genb tax-xellug ta' l-istess Bureau. Jghid illi dan kien ihares fuq il-faccata ta' dan il-Bureau. Il-bieb kien fuq in-naha tax-xellug li jaghti ghal gewwa ta' l-ex Bernard Hotel u mill-istess sit imbaghad kien hemm bieb iehor temporanju li jaghti ghal Bureau fuq in-naha ta' wara. Jigifieri l-istess Bureau ma kien hemm ebda mod iehor kif wiehed jista' jmur minn wara ghal quddiem jekk ma jghaddix mill-ex Bernard Hotel.

L-ufficju kien maqsum b'*bullet proof glass* minn hajt sa hajt li kien mill-*counter* sas-saqaf. Dak iz-zmien is-sigurta' tal-post kienet wahda inezistenti u dan ghaliex kien hemm il-kostruzzjonijiet ghaddejin fil-Hotel. Jghid illi dakinhar fuq il-post kien kellem lill-vittma Josef Aquilina li nzerta kien il-kaxxier tal-Fexco Exchange Bureau dakinhar kien ir-roster tieghu.

Bhal ma kien spjega s-sur Aquilina stess fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Frar, meta hu wasal fuq il-post tax-xoghol ghal habta tad-9:15 hu kien ghamel il-procedura tas-soltu kien dahal minn naha ta' wara tal- Bureau, kien xeghel il-computers u pprepara dak kollu li jkollu bzonn ghal gurnata tax-xoghol. Waqt li kien qieghed jaghmel dan kien hemm mara ta' origini Asjatika tistenna barra l-Bureau peress illi l-bieb kien tal-hgieg seta' jara x'kien hemm barra, ftit wara huwa hareg mill-*back office*, jigifieri hareg minn gewwa l-Bernard Hotel biex jiftah il-bieb ta' quddiem il-Bureau sabiex il-publiku jkun jista jidhol jerga fil-*back office* minn gewwa l-ex Bernard Hotel. Hekk kif kien diehel qabzu fuqu tlieta min nies illi kienu mghammda u tnejn minnhom kienu armati b'armi zghar li ordnawlu jiftah il-bieb tal-*back office.* Illi minghajr ma fethu, tnejn minnhom imbuttawh ghax hallieh imbexxaq. Wiehed minnhom kien baqa' barra mal-vittma, ghamillu pistola jew *revolver*, ghax ma kienx jaf id-distinzjoni bejn wahda u ohra ma' rasu u heddu biex ma jiccaqlaqx.

Mr. Aquilina kien qal ukoll illi waqt li kien qieghed jigi mizmum barra l-Bureau dak il-hin sema' mara twerzaq, huwa ssuspetta li setghet kienet l-istess mara li kien hemm barra tistenna barra l-Bureau u meta din dahlet flok sabet lilu sabet lil dawn iz-zewg hallelin. Sussegwentement, mill-indagni tal-pulizija kienu waslu ghall-arrest ta' Keith Galea dakinhar stess u huwa tressaq il-Qorti taht arrest mixli b'att ta' akkuzi konnessi ma' dan il-kaz nhar l-ghaxra ta' Awwissu 2010 u eventwalment kien ammetta l-involviment tieghu fil-kaz quddiem il-Magistrat Dr. Carol Peralta fil-5 ta' Dicembru 2012 meta dakinhar l-istess Keith Galea kien ghazel illi jixhed quddiem l-istess Magistrat u kien indika li tnejn mill-imputati li kien hemm mieghu dakinhar bhala awturi ta' dan id-delitt kienu z-zewg imputati Aaron Cassar u Josef Grech. Jghid ukoll illi kien

avvicinah persuna li kien qallu li kienu erba' l-persuni nvoluti u cioe' Keith Galea, li kienu jafu bih, Aaron Cassar u Joseph Grech.

Fil-kors ta' l-indagni tal-pulizija kienu kellmu diversi nies fuq l-incident. Fi Triq il-Qasam is-Swieqi kienu kelmu lil certa Rosette Debattista, lil Maryanne Debattista u lil certa Antonia Chetcuti. Minn dawn l-unika persuna li setghet tindika li gharfet lil xi hadd kienet Antonia Chetcuti u propju setghet taghraf lil Keith Galea biss. Infatti kien permezz taghha li Keith Galea kien tressaq il-Qorti mixli b'dawn l-akkuzi.

Fi Triq Sant Wistin kienu kellmu lil diversi nies fosthom lil certu Christopher Testa illi kien qalilhom li kien ra l-karozza Hyundai Griza titlaq b'velocita' minn fuq il-post b'erba' persuni go fiha. Iktar minn hekk hadd ma seta' jidentifika lil hadd.

Wara hu kien talab lil Qorti ghal hrug ta' zewg mandati fosthom ta' Aaron Cassar u ta' Joseph Grech, infatti dawn kienu gew arrestati t-tlieta ta' Frar ta' din is-sena. Lil Joseph Grech kien tah id-dritt li jikkonsulta avukat ta' l-ghazla tieghu ma l-arrest tieghu u qed jara d-dikjarazzjoni tieghu fejn irrifjuta l-parir legali a fol 38 tal-process. Fuq din id-dikjarazzjoni gharaf il-firma tieghu kif ukoll dik tas-surgent PS 180 u tal-kuntistabbli PC1135, Joseph Grech kien ghazel li ma jiffirmax dan id-dokument u din kienet inghatatlu propju fl-ghaxra u nofs ta' fil-ghodu dakinhar tat-3 ta' Frar. Qieghed jara stqarrija li kien irrilaxxja l-istess Joseph Grech esebita a fol 34 et sequitur tal-process, kien hadhielu wara li kien tah is-solita li kellu dritt ma jwegibx ghad-domandi li kien ser jaghmillu u l-imputat kien ghazel li ma jwegibx ghal parti l-kbira tad-

domandi illi kien ghamillu ghalkemm kien wiegeb xi domanda l'hemm u l'hawn kien ghazel li jinnega l-involviment tieghu f'dan il-kaz.

Huwa gharaf il-firma tieghu fuq din l-istqarrija, flimkien ma' dik ta' PS 180 Fabian Aquilina, ghal darba ohra Joseph Grech li qed jgharaf bhala l-imputat fuq il-bank tal-Qorti ddecieda li ma jiffirmax.

Jghid illi qieghed jara wkoll l-istqarrija li kien irrilaxxja Aaron Cassar wara l-arrest tieghu nhar il-hdax ta' Frar 2013 u jghid li kien tah is-solita twissija. L-istess kien ghazel li ma jikkonsulta lil hadd qabel beda jigi interrogat. Muri d-dikjarazzjoni maghmula a fol 43 tal-process, jghid li kien tah dan il-jedd li jkellem avukat fil-prezenza ta' PS 180 kif ukoll ta' PC 807 Felix Vella. Huwa gharaf il-firma tieghu, dik ta' PS 180 u ta' PC 807 Felix Vella, izda l-imputat ghazel li ma jiffirmahiex. Aaron Cassar kien iddecieda li ma jwegibx ghal parti l-kbira tad-domandi u l-ftit li wiegeb kien innega l-involviment tieghu f'din is-serqa. Wara b'mod verbali kien qal li Keith Galea qieghed jaghmel hekk ghaliex hu kien beda johrog mat-tfalja illi kellu Keith Galea dak iz-zmien.

Huwa esebixxa n-notamenti tieghu li kien kiteb li ghamel referenza ghalihom waqt ix-xhieda teighu liema notamenti gew immarkati bhala **DOK MC1 (fol. 156)**. Jghid illi Keith Galea kien gie arrestat dakinhar stess tal-*holdup*. Keith Galea kien semma lill-imputati fil-5 ta' Dicembru 2012, jigifieri kienu ghaddew sentejn u xi haga. Mistoqsi jekk lil Keith Galea kienux staqsewh ghala qatt ma semmihom qabel, jghid illi Keith Galea qatt ma tkellem fuq il-kaz u l-unika darba li tkellem fuq il-kaz kien meta xehed quddiem il-Magistrat li kien qed jitressaq quddiemu.

Jghid illi meta tressaq quddiem il-Magistrat Peralta dan ma rregistrax ammissjoni. Lanqas waqt l-interrogazzjoni, lanqas waqt li kienu qed jingabru l-provi. Galea kien ikkontestaha l-kawza u ammetta lejn l-ahhar kwazi meta waslu ghat-trattazzjoni. Sadanittant kienu ghaddew sentejn u xi erba’ xhur.

Mistoqsi jekk kienux ghamlu trattazzjoni fil-kaz ta’ Keith Galea dwar il-piena stante li kien ammetta jghid li kemm hu kif ukoll il-kollega tieghu ma kienux trattaw fuq din il-linja. Jghid illi fl-opinjoni tieghu s-sentenza li nghata fil-konfront ta’ Galea u cioe’ li gie kkundannat tlett (3) snin prigunerija kienet ukoll ikkunsidrata l-fatt illi kien kixef lill-awturi.

Jghid illi hu ma hassx il-bzonn isaqsih ghaliex semma lil ohrajn dakinhar. Rigward it-tfajla li kellu Galea, jghid li marret minn jeddha l-ghassa certu wahda Michelle, imbaghad kien baghat ghaliha wkoll meta’ Aaron Cassar kien qallu li Keith Galea qed jaghmillu hekk ghaliex hadlu lit-tfajla.

Jghid illi hi kkonfermatlu li kellha relazzjoni kemm ma’ Keith Galea u kemm ma’ Aaron Cassar u kkonfermatlu wkoll li kien hemm diversi incidenti bejniethom. Infatti jghid illi ra r-rapporti u jghid illi kien hemm *harrassment* b’mod generali u kien hemm rapporti ta’ *harrassment* min naha ta’ Keith Galea.

Jghid illi mix-xhieda l-malviventi dejjem kienu erbgha. Rigward ir-raba' persuna Keith Galea, jghid illi ma jafx x'jismu u l-informazzjoni li ghandu hu fuq dan Keith Galea ghaliex gabha minghand terzi.

**Natalino Agius** xehed fis-26 ta' April, 2013. Jghid illi hu assessur tal-hsara tal-karozzi. Muri fol. 440 tal-process fil-konfront ta' Keith Galea, jghid li dan huwa r-rapport li gie mhejji minnu fuq vettura KBB 145 ta' l-ghamla Hyundai, u spjega illi kellha hsara *f'sett locks* ghaliex dawn gew sgassati.

Bhala *spare parts* kien fiha qisu mitejn u disghin Euro (€290) u bhala xoghlijiet kien hemm mija u ghoxrin ewro (€120) u dana barra *parts,* xoghlijiet u serq ta' pjanci.

Jghid illi jidhirlu li hu kien gie nkarigat minn Victoria Insurance li maghha kienet assigurat il-karozza.

**PS 186 Christian Mintoff** xehed fid-29 ta' Mejju, 2013. Huwa jaghraf il-kopja tar-rapport illi kienipprezenta quddiem il-Qorti a fol. 345 sa 350 tal-process **<u>il-Pulizija vs Keith Galea</u>**.

Jghid illi dan kien xoghol ex parte, kien lifter, kien ipprezenta xi esebiti wkoll imma dak ma tistax taghmel kopja taghhom.

**PC 453 Brian Cassar** xehed id-29 ta' Mejju, 2013. Muri kopja tar-rapport tieghu li qieghed a fol 525 tal-process il**-Pulizija vs. Keith Galea** jikkonferma li kien ghamlu kongunt ma' PS 46 Charlo Casha. Huwa kkonferma l-parti tieghu biss u pprezenta kopja tar-ritratti. Huwa ezebixxa 145 ritratt li huma dokumentati **O0BQB501 sa O0BQB645** li huma in konnessjoni mal-atti ta' l-inkjesta dwar *hold up* bi sparatura gewwa Font Western Union, Triq Sant Wistin, Paceville, San Giljan. Ikkonferma li kienu saru xi ezamijiet fuq sejba ta' vettura Hyundai Accent li kellha l-pjanci tar-registrazzjoni FBP 756 fi Triq il-Qasam, Swieqi nhar it-8 ta'Awwissu 2010.

Jghid li kopja ta' dawn ir-ritratti gew ezebiti u mmarkati **DOK BC1.** Is-serqa saret fit-8 ta' Awwissu 2010.

**WPS 132 Rita Compton,** xehdet fil-5 ta' Lulju, 2013. Tghid li hija ntalbet taghmel ricerka dwar jekk Joseph Grech ghandux xi licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Arms Ordinance u kkonfermat li m'ghandu l-ebda licenzja u l-anqas applikazzjoni pendenti. Ikkonfermat li din ir-ricerka ghamlitha hi stess.

**PS 46 Charlo Casha** xehed il-5 ta' Lulju, 2013. Jghid li r-rapport li qieghed jigi muri lilu a fol 525 fl-atti f'isem **il-Pulizija vs Keith Galea**, huwa tieghu u kien ghamlu flimkien ma' PC 453 Brian Cassar wara li kien gie nnominat mill-Magistrat Silvio Meli nhar it-8 ta' Awwissu 2010 rigward l-inkjesta dwar *hold up* li sar fil-fond  Western Union, Triq Santu Wistin, Paceville, San Giljan.

**WPS 125 Christabelle Mallia** xehdet fil-5 ta’ Lulju, 2013. Tghid li hi kienet mitluba tara jekk Aaron Cassar huwiex licenzjat sabiex igorr jew inkella jzomm armi tan-nar u kkonfermat li Aaron Cassar m’ghandu l-ebda tip ta’ licenzja kif jidher mid-dokument li jinsab ezebit u mmarkat bhala **DOK CM1.**

**Antoinette Chetcuti** xehdet fil-5 ta’ Lulju, 2013. Tghid li tiftakar li kien fil-ghodu u kien Awwissu. Tghid li semghet xi rgiel jaghjtu u mit-tieqa rat karozza bajda li kienet faccata tad-dar u kien hemm karozza ohra u hareg ragel minnha twil u kellu bagalja u l-ohrajn bdew jghidulu biex jghaggel, rikeb fiha u telqu.

Tghid illi l-karozza kienet diga hemm u b’kollox kien hemm erbat irgiel. Mhux kollha setghat tara wicchom, ghaliex it-twil kellu dahru lejha. Tghid illi fl-awla ma taghraf lil hadd u lil dak li gharfet hi mhux qieghed prezenti. Murija DOK BQB 598 tghid illi din il-karozza li kienet faccata. Tghid li dik hija wahda mill-karozzi s-silver. Tghid illi huma mbaghad telqu bil-bajda.

**Mario Cassar** xehed fil-5 ta’ Lulju, 2013. Jghid illi hu kien ghamel rapport, dan ghaliex il-lejl ta’ l-5 t’Awissu martu kienet marret il-festa tal-Hamrun u ma kienx jaf x’hin giet ezatt. Fil-ghodu x’hin qam ghax-xoghol ma sabx il-karozza, minflok kien hemm karozza ohra pparkjata hemmhekk. X’hin indunaw li l-karozza kienet insterqet mar jaghmel rapport l-ghassa.

Muri parti mid-dokumenti BC 1 a folio 168 tal-Process, b'mod partikolari r-ritratti mmarkati bhala BQB 598, 599 u 600 jghid li dik hi l-vettura li qed jaghmel referenza ghaliha. Jghid li n-numri m'humiex l-istess u s-sellatura nieqsa. Rigward xi flus zghar li kien hemm jghid li jista' jkun kienu tieghu ghal parker. Is-santi jghid li huma tieghu. Rigward affarijiet li jidhru fir-ritratt 627, jghid li dawk huma affarijiet li jahsel il-karozza bihom u li jhallihom hemmhekk.

Jghid li bhala cifra ma jafx jghid kemm kellu hsara ghaliex ta' l-insurance tieghu kienu hadu hsieb kollox huma. Hu nxurjat ma' Citadel li hija abbinata ma' Victoria Insurance Pieta'.

Muri fol 440 jghid li hu qatt ma kien gie muri dan id-dokument tas-survey ta' l-insurance. Jghid illi hu ma kellu ebda nvolviment fl-ispejjez, l-unika haga li hallas kienet il-bdil fil-pjanci u dawk minghalih gew xi sebghin ewro (€70).

**Josette Cassar** xehdet fil-5 ta' Lulju, 2013. Tghid li tiftakar li ghamlet rapport fis-6 ta' Awwissu 2010. Tghid illi l-karozza registrata f'isem zewgha juzawha t-tnejn imma qabel insterqet hi kienet uzata l-ahhar.

Tghid illi huma ghamlu r-rapport dakinhar stess, u li kienu marru l-ghassa ta' Birkirkara. Meta giet murija xi ritratti DOK BC1 a fol 168, ritratti 603 et sequitur, tghid li dik hija l-karozza pero' n-*number plate*

m'humiex l-istess. Tghid illi l-karozza ma kellha xejn differenti u l-flus li jidhru mal-art fir-ritratt 608 mhux taghhom.

**PS 180 Fabian Aquilina** xehed fil-5 ta' Lulju, 2013. Jghid li hu qieghed jigi muri fol 34 u hemm zewg stqarrijiet. Jghid li din hija l-istqarrija ta' Joseph Grech. Jghid li qabel dik id-dikjarazzjoni hu kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u hu rrifjuta u rrifjuta anke li jiffirma d-dikjarazzjoni.

Jghid li jaghraf il-firem tieghu u ta' PC 1135 u l-Ispettur Mercieca. Jghid illi mbaghad ittiehdet stqarrija u nghata d-dritt li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu. Jghid illi l-istqarrija ttiehdet fit-3 ta' Frar 2013. Jghid illi jaghraf liz-zewg imputati u jghid illi Aaron Cassar ukoll irrifjuta li jiffirma d-dikjarazzjoni.

**PC 807 Felix Vella** xehed fil-5 ta' Lulju, 2013. Jghid illi rigward id-dikjarazzjoni a fol 43 tal-Process jghid illi qed jaghraf il-firma tieghu, ta' l-ispettur Joseph Mercieca, tas-Surgent Aquilina u li Aaron Cassar irrifjuta li jiffirma. Jghid li qabel iffirma dak id-dokument tawh id-dritt li jkellem avukat u li qieghed jaghrfu fl-Awla.

**Michelle Mangion** xehdet fil-5 ta' Lulju, 2013. Tghid li Aaron huwa missier it-tifla taghha u hu jrabbilha t-tfal l-ohra. Tghid li ilha tafu minn mindu kienu tfal pero' issa ilhom johorgu flimkien tliet (3) snin. Tghid li lil Keith Galea tafu wkoll ghaliex meta kienet miggielda ma' Aaron, harget ma' dan Keith ghal tlett gimghat.

Mistoqsija ghaliex marret taghmel permess il-Qorti biex tara lil Keith Galea meta qed tghid li ma kinitx ilha tafu hafna, hi tghid ghaliex kienet thassritu.

Tghid illi ghandha hafna rapporti ghaliex Keith kien jheddidha li ser jaqta' ras it-tifel jew ta' Aaron.

Tghid li dakinhar kienu go hanut u kienu ltaqghu ma' Aaron, hi qaltlu li ma tridx li jibqghu aktar flimkien u hu kien ghamilha tieghu wara tlett gimghat. Kien irrabja hafna u qabel ma telaq kien qallhom li kien ha jpattijilhom kollha. Tghid illi lilha hu diga fethilha kaz u li harget liberata.

Tghid illi Galea kien mar jaghmel linja tal-mobile u qaghad jhedded, u qal li ser jmur joqtolha u l-Pulizija kienu arrestawh u li Hailey (bintha) mhix tieghu. Tghid li issa m'ghadha tisma' xejn minn ghandu ghaliex issa qieghed il-habs.

In kontro-ezami tghid illi kien hemm xi incident fuq xi sms's, tghid illi taf li kien hu ghaliex kien ammetta hu stess. Dan kien wassal biex infetah kaz kontra Aaron.

**Jason Stivala** xehed fit-13 ta' Awwissu, 2013. Jghid illi hu kien pprezenta invoice mahruga mill-kumpanija li taghha kien dipendenti u accountant.

Jghid li l-invoice hija mahruga minnu mill-kumpanija JS Dimech ghaliex kienu bidlu hgiega ghal hanut Fexco, l-ammont eskluz il-*value added tax* huwa ta’ elf mija disgha u sittin ewro (€1,196).

**Spettur Joseph Mercieca** xehed fit-13 ta’ Awwissu 2013 fejn ipprezenta zewg sentenzi fil-konfront tal-imputat Aaron Cassar. Wahda giet moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Ottubru, tas-sena elfejn u erbgha (2004) u tal-Imhallef Joseph Galea Debono. Din is-sentenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. PG1. Is-sentenza l-ohra hija fil-konfront tal-istess imputat Aaron Cassar mill-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll moghtija nhar it-tnejn (2) ta’ Lulju tal-elfejn u tmienja (2008) moghtija mill-Imhallef Joseph Galea Debono wkoll liema sentenza giet immarkata bhala Dokument PG2.

**Colin Winfield** xehed fit-13 ta’ Awwissu, 2013 bil-lingwa Ingliza tradotta ghal-lingwa Maltija mill-Qorti u qal li huwa kien osserva vettura f’nofs ta’ triq b’persuna bil-wieqfa hdejn il-bieba tax-xufier mghammad. Jghid li din il-persuna bdiet tghajjat liz-zewg minn nies li kienu fil-fond Western Union. Ghall-ewwel ra zewg minn nies hergin minn dan il-fond u wara ra zewg min nies ohra johorgu mill-fond u jidhlu f’karozza. Jghid li ma kellux karta jew pinna f’idejh u ghalhekk kiteb in-numru fuq it-tarmac u jghid li kien mija fil-mija cert li n-numru li ta lill-pulizja kien korrett ghalkemm dakinhar li xehed ma setghax jiftakar in-numru tal-vettura.

Mhux cert jekk kinux tlieta jew erbgha min nies ghalkemm huwa cert li fil-karozza ra tlett min nies. Jghid li dak il-hin kien fit-tarf tat-tarag li hemm fi Triq St. Rita f’Paceville.

M’huwiex cert tal-ghamla tal-vettura ghalkemm jghid li kienet griza. Il-Prosekuzzjoni wrietu ritratt ta’ vettura u stqarr li l-kulur tal-karozza li ra dakinhar tal-incident kienet griza u mhux bajda. Ghar-rigward tal-kitba fuq it-tarmac gie muri ritratt immarkat bhala Dok BC1 li jindika n-numru BQB 508. Dwar dan jghid li ma jistax ikun cert izda hu cert li fil-mument li meta kiteb in-numru kien cert ta’ dak li kien ra.

Jghid illi n-nies kienu mghammda u ghalhekk mhux possibbli li jiddiskrivi wicchom ghalkemm jghid li kienu xi sitt piedi twal u kienu rqaq. Ghalkemm id-*driver* ta’ quddiem ma kienx twil daqs l-ohrajn u dan jghidu ghax rah jitbaxxa. Jghid li s-sewwieq kien barra l-karozza jxejjer lejn in-nies l-ohra u ghalhekk seta’ jarah sew.

Muri r-ritratt immarkat BQB 600 jghid li dak hu r-ritratt tal-vettura li ra dakinhar tal-incident.

**Rosetta Debattista** xehdet fit-13 ta’ Awwissu, 2013. Tghid li minn dak iz-zmien ta’ l-incident ghadda ftit ta’ zmien, pero’ tiftakar li kienet harget barra tpejjep u tiehu sigarett u semghat hafna ghajjat u rat xi tlieta jew erbat irgiel jigru minn karozza biex jidhlu go karozza ohra. Tghid li hi hasbet li kien gara xi haga fid-dar ta’ faccata ghaliex il-bieb kien miftuh u taf li hemm kienu l-istudenti joqghodu hemm.

Tghid illi minn fejn kienet hi ma setghatx tara sew. Tghid illi semghat hafna diskors "suq suq" u hi hasbet li kien gara xi haga lill-girien. Il-persuni ma setghatx tarafhom pero' taf li wiehed minnhom kellu certu piz u li ma kienx hafna twil.

Tghid li l-karozza kienet bajda izda ma tafx x'karozza kienet imma jew Daihatsu jew xi haga simili. Dakinhar taf li rathom in-numri izda illum ma tiftakarhomx. Izda lill-pulizija tiftakar li kienet taghthom numru.

Tghid li hi cemplet lill-Pulizija ghax bezghat li gralhom xi haga l-girien. Tghid li dakinhar maghha kien hemm il-mara ta' huha imma minn dak iz-zmien isseparaw, illum tghix l-Ingilterra u jisimha Theuma u li dak iz-zmien kienet Debattista. Rigward ir-ritratt BQB 600 u BQB 603, tghid li l-karozza li rat dakinhar u r-ritratt jixtiebhu hafna.

Tghid li wara saret taf x'gara ghaliex kienet semghat. Rigward il-persuna l-ohra ma tafx hix qieghda Malta u s-soltu tigi darba fis-sena fis-sajf.

**WPC 175 Vanessa Azzopardi** xehdet fid-19 ta' Settembru, 2013. Tghid li wara l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2010 wara li kienet xehdet fil-kawza '**Il-Pulizija vs. Keith Galea**' hi kienet kellmet lil Mario Cassar u lill-mara tieghu Josette Cassar dwar xi karozza.

Tghid li Mario Cassar u martu huma l-girien taghha u meta hi kienet harget mid-dar fis-sebgha ta' filghodu biex tmur ghax-xoghol, f'Awwissu.

Kienet qaltilhom bongu normali u kienet wegbitha bongu ikrah. Hi qaltlilha li l-karozza kienet ipparkjata wara taghha u meta staqsietha x'hin kienet dahlet hi wegbitha fis-siegha u nofs ta' filghodu.

B'referenza ghax-xhieda precedenti tghid illi iva kien il-5 t'Awwissu 2010.

**Spettur Nikolai Sant** xehed fid-19 ta' Settembru, 2013. Jghid li fit-8 ta' Awwissu hu kien l-ispettur inkarigat fuq id-distrett ta'San Giljan fejn kellu informazzjoni li kienet ghadha kemm saret serqa bi vjolenza fil-Fexco Exchange Bureau San Giljan. Dan kien sehh ghall-habta ta' 9:15am u kien informa lill-Magistrat ta' l-ghassa dak iz-zmien il-Magistrat Silvio Meli. Kien mar ukoll fuq il-post, jghid li hemm ir-rapport tieghu li qieghed jaghraf ukoll bhala parti mill-process.

Jghid illi kif mar fuq il-post kien hemm l-Ispettur Mercieca fejn kellmu lill-kaxxier Josef Aquilina li kien ta' l-verzjoni tieghu. Imbaghad kien hemm l-Ispettur Mercieca min-naha tas-CID fejn kienu ressqu xi persuni ohra fejn il-kawza llum hija deciza. Dan qieghed a fol 8 u 9 tal-process u qieghed jaghraf il-firma tieghu.

Jghid in kontro-ezami li l-persuna li tressqet l-ewwel kienet Keith Galea u jghid illi Galea qatt ma' kien semma lil Grech qabel hlief fl-ahhar tal-proceduri.

**PS 750 Terry James Mallia** xehed fil-21 ta' Ottubru, 2013. Jghid li l-involviment tieghu fuq dan l-incident kien li dakinhar kien qieghed *fixed point* mal-vettura li harbu biha fuq il-post. Kienet Hyundai Accent Silver li sabuha gewwa Triq il-Qasam Swieqi. Hu kien qieghed hemm mal-vettura u kien hemm xi res furtiva mad-dawra tal-vettura.

Jghid li hu daqshekk kellu x'jaqsam u li kien qieghed hemm fuq l-istruzzjoni tas-Surgent.

**PC 136 Paul Vella** xehed fil-21 ta' Ottubru, 2013. Jghid li dakinhar huwa kien ma' PC 1144 stazzjonat San Giljan. Jghid li kienu cempluhom mill-Control Room bejn id-disgha u d-disgha u nofs ta' filghodu li kien hemm *Hold up* fil-Fexco u jghid li kienu marru hu u PC446 u kif marru kienu sabu li tal-mobile fuq il-post diga'. Kien hu li kien mar jaghlaq it-triq. Dak kien l-involviment tieghu f'dan il-kaz.

**Spettur Joseph Mercieca** rega' xehed fil-21 ta' Ottubru, 2013 u pprezenta sebgha u erbghin (47) ritratt mehuda minn PS 36 Sergio Azzopardi l-Hamis 25 ta' Awwissu 2010 meta nstabet vettura tal-marka Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni DAA078 gewwa t-Triq Gandlora, Haz-Zebbug. Qed jigu esebiti wkoll tlett rapporti li kienet ghamlet Michelle Mangion li jikkoncernaw l-istess Michelle Mangion u dana vis-a-vis l-ex partner taghha certu Keith Galea. Qed jigi pprezentat ukoll rizultat tat-tfittxija fil-PIRS tar-rapporti li kienet ghamlet din Michelle Mangion, pero' r-rapporti li jikkoncernaw lil Keith Galea huma tlieta. Dawn qed jigu mmarkati bhala **DOK CBA1** sa **DOK CBA2.**

Qed jigu pprezentati wkoll zewg sentenzi fil-konfront tal-imputat Joseph Grech wahda moghtija mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera fl-4 ta' Dicembru 2008 immarkata bhala **DOK CBA 5** u tieni wahda mill-Qorti tal-Magistrat Lawrence Quintano nhar l-24 ta' Frar, 2006 qed tigi esebita u mmarkata bhala **DOK CBA 6**.

**Spettur Carlos Cordina** xehed fil-21 ta' Ottubru, 2013. Ikkonferma li d-dokument **DOK CBA 4** li jgib in-numru **5K547 2011** huwa rapport maghmul minn Raymond Abela, Michelle Mangion u Aaron Cassar fil-konfront ta' certu Keith Galea.

Jghid illi jiftakar li kienet xi kwistjoni fuq xi messaggi bejn xulxin u xi telefonati u kien kellimhom l-ufficju tieghu. Sussegwentement is-surgent kellu jiehu passi bil-Qorti.

**SM 325 Patrick Bonnici** xehed fil-25 ta' Novembru, 2013. Huwa pprezenta rapport 1/A/1813 2011 li kien sar minn Michelle Mangion kontra Keith Galea fuq l-incident li kien inqala' bejniethom gewwa r-residenza taghha Triq Strada Stretta, 188, Flat 2. Dan ir-rapport gie mmarkat bhala **DOK PB1.** Jghid illi minn ghalih kienu ttiehdu passi peress li kien hemm argument familjari ghax il-bqija li kien hemm argument fuq xi X-box u kien hadlu l-X-box u urieh li kienet bis-sigill tal-habs. Kien hemm xi akkuzi fuq xi Laptop pero' ma kienu hadu l-ebda provi u li haditlu tlett mitt ewro (€300), pero' Galea ma riedx jiehu passi ghaliex qal li hi tghix mieghu allura dak li hu tieghu u taghha wkoll.

Jekk kienu ttiehdu passi dawn kienu saru biss fuq griehi hfief li saru waqt l-argument, kliem hazin u hekk.

**PS 36 Sergio Azzopardi** xehed fil-25 ta' Novembru, 2013. Rigward is-sett ritratti esebiti bhala **DOK CBA** a fol 276 tal-process jghid li fil-25 ta' Awwissu 2010 kien imqabbad mill-ispettur Mercieca sabiex jiehu r-ritratti fuq vettura ta' l-ghamla Hyundai numru DAE-078 misjuba gewwa Triq il-Gandlora, Haz-Zebbug u jghid li dakinhar hu kien ha sebgha u erbghin (47) ritratt u qed jaghraf is-sigill tieghu fuq l-envelope li ma kienx miftuh. Jghid li din ma kienetx parti mill- inkjesta, kien tqabbad ex parte u kien hadem fuq *police work.*

**PC 1525 Patrick Farrugia** xehed fil-25 ta' Novembru, 2013. Jghid li qieghed jaghraf il-kopja tar-relazzjoni tieghu a fol 86 tal-process sa 91 tal-process. Jghid illi dwar il-*heading* hu ghandu Western Union filfatt dik kellha tigi Fexco.

**Keith Mifsud** xehed fil-25 ta' Novembru, 2013. Jghid li hu jiehu hsieb l-karozzi godda ma' Gasan, u jghid illi fl-elfejn u hdax (2011) kien jaghmel l-istess xoghol ma' kumpanija differenti u cioe' mal- Hyundai Meridian Auto. Muri kopja ta' invoice li kien ipprezenta fil-proceduri kontra Keith Galea a fol 488 tal-process jghid li x-xoghol kien sar fuq il-karozza KBN 956 Hyundai Accent. L-ammont kien erba' mija u wiehed u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€481.82) u d-data kienet it-18 ta' April 2011.

Filwaqt li d-dokument a fol. 400 tal-process fil-konfront ta' Keith Galea huwa d-deskrizzjoni tax-xoghol li kien sar. Id-dokument a fol 490 spjega li huma parts li kien hemm bzonn ghat-tiswija tal-karozza.

**PS 447 Kevin Camilleri** xehed fil-25 ta' Novembru, 2013. Jghid illi fis-27 ta' Marzu 2011 ghall-habta tas-siegha u kwart kien infurmat minn PC 589 kien l-Ghassa ta' Hal Kirkop li kien hemm xi argument dan mar fuq il-post u kien sab lil certu Aaron Cassar u Raymond Abela u PC 589 kien intervjena u kkalmahom, wara kien talab lil Raymond imur l-Ghassa jaghti l-verzjoni tieghu.

Jghid li ma jidhirlux li kienu saru xi proceduri fuq dawn il-messaggi. Jikkonferma li qieghed jiffirma r-rapport seduta stante.

Jghid illi jekk kienu ttiehdu proceduri fil-konfront ta' Aaron Cassar hu ma kienx xehed zgur. Din hija l-ewwel darba li qieghed jixhed fuq dan ir-rigward. Jghid illi jiftakar li kien infetah file u kien dahal fiha s-Sur Cordina wkoll u kompla xi haga PC 589 imbaghad.

**PC 420 John Farrugia** xehed fil-25 ta' Novembru, 2013. Jghid illi hu xoghlu Pulizija fl-Ghassa taz-Zurrieq u kien gie nkarigat mill-ufficcju taz-Zurrieq. Dan il-file huwa KC124/2011. Ir-rapport huwa 5K/547 2011 u jirrigwarda telefonati u jghid illi mill-file jirrizulta li c-*charges* ma hargux.

Illi fis-seduta tad-19 ta’ Mejju, 2014 Dr David Gatt ghall-imputat Aaron Cassaripprezenta kopja ta’ sentenza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Cilia) vs Aaron Cassar’ deciza nhar it-8 ta’ April 2011 li giet immarkata bhala Dok. Z.

Illi fis-seduta tal-1 ta’ Lulju 2014 id-difiza bdiet tressaq il-provi taghha u l-ewwel ma xehed kien l-imputat Aaron Cassar.

L-imputat **Aaron Cassar** kien irrilaxxja stqarrija fil-11 ta’ Frar, 2013. U ma rrisponda ghall-ebda domandi li gie mistoqsi kif kellu kull dritt jaghmel. Pero’ fl-1 ta’ Lulju, 2014 huwa ddecieda li jixhed. Jispjega li kien go bar u ltaqa’ ma’ wahda jisimha Michelle Mangion li dak iz-zmien kienet tohrog ma’ ragel iehor u kien ftiehem biex jiltaqa’ maghha. Keith Galea li kien l-gharus taghha dak iz-zmien kien gie b’hafna paroli. Kienu go l-hanut li jismu *Three Monkeys* u sid il-hanut kif ukoll Joseph Grech kienu ukoll prezenti, ilkoll qed jiehdu drink.

Wara dakinhar ma kienx rah iktar lil Keith Galea, izda kien baqa’ f’relazzjoni ma’ Michelle ghal tlett snin. Jghid li cio nonostante dan Galea kien jheddidha li ser jaqtghalha rasha jew ras it-tifel, u hu kien qallha biex ahjar taghmel rapport. Jghid illi dak iz-zmien Michelle kienet toqghod il-Belt u Keith Galea kien anka dahlilha d-dar u hadilha xi affarijiet.

Jghid illi Michelle ghandha xi tfal minn ragel iehor, ir-ragel taghha propju. Spjega li Michelle kienet bidlet in-numru tat-telefon u Keith kien hadilha n-numru u kien joqghod jibghat messaggi lit-tfal taghha u lill-missier it-tfal ta' Michelle u kien jghidlu li ser imur joqtlu meta hu lanqas kif jaf x'kien qed jigri. Fil-fatt Galea kien anke mar jaghmel statement kontra Raymond Abela li jigi missier it-tfal ta' Michelle Mangion, u allega li dan Abela kien mar jheddu minghajr ma' dan kien veru u spicca anke mressaq u akkuzat li kien kiser il-liberta' provisorja.

Spjega wkoll li Galea kien beda jibghatilha fuq Facebook u jghidilha illi ser titfa' lilu l-habs. Jghid illi mbaghad huwa kien gie arrestat fuq din il-kawza. Hu kien kellem lill-Ufficjal Prosekutur fejn anke kien qallu li kellu alibi ghal dakinhar, jghid illi hu jemmen illi hu ma kellu ebda nvolviment f'din is-serqa u li kien ta' stqarrija fejn ma wiegeb ebda domanda kif kellu dritt jaghmel.

**Jean Pierre Farrugia** prodott mid-difiza ta' Aaron Cassar xehed fit-13 ta' Awwissu, 2014 u kkonferma illi huwa ghandu bar bl-isem *Three Monkeys*. Jghid illi lil Aaron gieli rah fil-bar. Jiftakar illi darba Aaron kellu xi jghid ma' tfajla waqt li kien fil-Bar. Jghid ukoll illi kellu xi jghid ma xi haddiehor fuq din it-tfajla u jahseb li ilu tlett snin.

**L-imputat Joseph Grech** irrilaxxja stqarrija fit-3 ta' Frar, 2013. Jghid illi kien ilu l-habs minn Gunju tas-sena 2011. Jghid li mhux mizzewweg imma ghandu zewgt itfal. Jghid illi hu m'ghandux laqam ghalkemm maghruf bhala z-'Zinnanna' li proprjament huwa huh u mhux hu. L-ufficcjal prosekutur spjegalu ghaliex kien qieghed taht arrest u qallu li certu Keith

Galea waqt ix-xhieda guramentata tieghu kien stqarr li hu, flimkien mieghu, ma’ Aaron Cassar, u persuna ohra mhux maghrufa kienu kkommetew diversi serqiet fosthom serqa tal-Fexco Exchange, serqa ta’ Hyundai Accent, serq ta’ par pjanci tar-registrazzjoni minn fuq karozza ohra u xi affarijiet ohra. Huwa wiegbu illi Galea kien qal hekk biex ippattiha lilu u lil Aaron ghax Aaron kien hadlu t-tfajla.

Mistoqsi jekk jafx lil Keith Galea jghid illi sar jafu l-habs meta kienu fl-istess division. Jghid illi anka lil Aaron Cassar jafu mill-habs. Mistoqsi fuq Michelle Mangion it-tfajla in kwstjoni jghid illi kien iltaqa’ maghha go hanut il-Hamrun gol-bar Three Monkeys. Jghid illi kienet marret il-bar ma’ Keith u kien qabad maghha Aaron, illum Aaron ghandu tarbija minnha.

Meta ttiehed fl-akkwati ta’ fejn kien il-Bureau jghid illi hu mhux midhla ta’ dawn l-akkwati. L-ufficcjal prosekutur imbaghad qallu li Keith Galea jghid illi huwa kien il-mohh wara din is-serqa u li kien hu li waqqaf il-Getaway car hdejn il-karozza tieghu Hyundai Accent nru. DAE078 li skond Galea kien hu li kien qallu biex jaharbu biha wara s-serqa jaghzel li ma jwegibx.

Mistoqsi ghaliex Keith Galea dahhlu fl-istorja jekk kien Aaron Cassar li marlu mat-tfajla jghid li lilu ried ippatihielu ghax kien ikun dejjem ma’ Aaron. Grech baqa’ sieket meta gie mistoqsi min kien li seraq il-Hyundai u l-pjanci u ddikjara li huwa ma kienx prezenti.

Mistoqsi min bidel il-pjanci jghid illi zgur mhux hu ghax ma kienx hemm. Jghid illi hu qatt ma ghamel *hold up* fil-hajja tieghu u d-darba li seraq landa diesel inqabad.

Ma wegibx ghal mistoqsija ta' min saq il-karozza u jghid li ma jafx min hi r-raba' persuna ghaliex hu ma kienx hemm. Mistoqsi jekk jafx lil certu Jeoffrey Busuttil maghruf 'ix-xafra' jghid li jafu biss mill-habs. Mistoqsi x'ha mis-serqa jghid li xejn ma ha xejn mis-serqa ghax ma kienx hemm u ma jafx x'gara mit-*top up cards*. Jghid li hu mhux ser iwiegeb xejn aktar ghaliex qieghed jirrepeti l-istess diskors.

Jghid illi Keith Galea gideb fl-istqarrija tieghu ghaliex hu jahlef li ma kienx mieghu. Jghid illi lanqas jaf semghax bih il-kaz ghaliex hu lanqas jaqra ma jaf.

L-imputat **Joseph Grech** xehed fl-10 ta' Novembru, 2014 u jirrepeti u jghid li lil Keith Galea jafu mill-habs meta kien qieghed jiskonta sentenza. Jiftakar illi darba minnhom kien gewwa l-bar *Three Monkeys* flimkien ma' Aaron Cassar. Jghid illi Galea ried jiggieled mieghu u ma Aaron, Keith Galea beda jghid li Aaron li beda jittantalu l-mara, effettivament pero' din ma kienitx it-tfajla ta' Keith. Keith kien sabbat u qallhom li kien ser ipattijilhom kollha. Filfatt meta kien rega' ltaqa' ma' Keith il-habs kien staqsieh x'kien qieghed jaghmel u qallu li dwar dakinhar meta hu kien ma' Aaron u xtaq jitfahom il-habs.

Jghid illi ma’ din is-serqa hu m’ghandu xejn x’jaqsam ghaliex hu filfatt kien interrogat meta kien qieghed il-habs. Jghid illi hu ma kienx wiegeb ghal hafna domandi u li dakinhar ma kienx semma’ l-incident ta’ Three Monkeys.

**L-Ispettur Joseph Mercieca rega’** xehed fl-10 ta’ Novembru, 2014 fuq talba tad-Difiza. Jghid illi huwa minnu dak li qieghed jigi allegat mid-difiza li meta hu kien investiga lil Keith Galea, dan ma kienx semmielu lil Joseph Grech. Filfatt lanqas l-involviment tieghu stess ma kien ammetta. Pero’ huwa minnu li meta hargu l-Artikoli Keith Galea kien irregistra ammissjoni fil-kawza tieghu. Huma kienu haduha in konsiderazzjoni ai fini tal-piena meta l-Qorti giet biex tissentenzja lilu. Jghid ukoll illi huwa veru li mill-investigazzjoni li ghamel kien hemm xi dizgwit fuq xi tfajla u filfatt kien investigaha hu wkoll dak iz-zmien, qatt ma sema’ li fuq il-Facebook page ta’ Keith Galea kien hemm miktub li huwa tefa’ lill-imputati l-habs.

Il-partijiet trattaw il-kaz quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-28 ta’ April 2015 u talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi f’din il-kawza l-Ufficcjal Prosekutur qed jakkuza lill-imputati odjerni skond l-akkuzi fuq imsemmija wara li Keith Galea kien semma lill-istess imputati fil-kawza li huwa kellu pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta kien gie akkzuat b’reati simili ghal dawn

odjerni. Jirrizulta anke mix-xhieda tal-ufficcjal prosekutur stess li Keith Galea kien irregistra ammissjoni fil-kawza tieghu li kienet qed tinstema quddiem din il-Qorti diversament preseduta u nghata tlett snin prigunerija. Mistoqsi jekk effettivament Galea kienx semma lill-imputati odjerni meta kien gie nterrogat u nvestigat a tempo vergine tal-investigazzjoni odjerna jwiegeb fin-negattiv u jghid li kien biss fl-ahhar stadju tal-kawza tieghu wara li kienu ntbaghtu l-Artikoli mill-Avukat Generali li ddecieda li jsemmi lill-imputati odjerni. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet lill-ebda xhud okulari tar-reati addebitati fil-konfront ta' l-imputati ghalkemm ressqet diversi xhieda pajzana.  Lanqas ma ressqet xi xhieda xjentifika li torbot lill-imputati odjerni mar-reati mertu tal-kawza. Strahet biss fuq ix-xhieda ta' dan Keith Galea minkejja li kienet kontestata mill-imputati sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni.

Id-difiza min-naha taghha qed tallega li l-prosekuzzjoni ma pprovatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi u dan ghaliex l-istess xhud principali taghha Keith Galea huwa kontradett mix-xhieda li kienu presenti waqt il-hold up ghaliex fil-waqt li Keith Galea jghid li huwa cert li fil-hin tal-hold up Aaron Cssar kien liebes flokk ahmar ix-xhieda jghidu li l-malviventi kienu kollha libsin l-iswed. Jirrizulta wkoll li waqt li l-imputati ghandhom statura medja x-xhud Ingliz u cioe' Colin Winfield jghid li l-malviventi kienu twal xi sitt piedi u rqaq.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' dak li effettivament gara u cioe' l-verzjoni tal-Prosekuzzjoni li tallega li kienu l-imputati li kkommettew ir-reati moghtija fil-konfront tieghu u l-verzjoni tad-Difiza li jichdu b'mod assolut dak li gie allegat fil-konfront taghhom.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ghalkemm mhix f'posizzjoni vantaggjuza hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ma ghexietx il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk hija mhix f'posizzjoni, li tanalizza l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu viva voce, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Jason Lee Borg u Alan Camilleri** mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Gunju, 1998:

"*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.* "

Fil-fatt skond sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil** gie ritenut li:

"*l-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tant li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

B'referenza ghal din il-kwistjoni ghandu jsir referenza ghal dak li inghad mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza li nghatat fid-9 ta' Gunju 1978 fl-ismijiet **Police v Dawood Sayed Dawood Abd el Kaader** fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal dak li ntqal minn l-Imhallef rinomat **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen [1952] AC 480, 489**.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt:**

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Huwa mperattiv li meta' kaz jiddependi purament fuq prova cirkostanzjali li tali prova cirkostanzjali tkun univoka u mhux ekwivoka jew ambigwa. Trid tkun prova evidenzjali li torbot lill- akkuzat u lil hadd aktar hliefu u li l-provi kollha li tresqu fil-konfront tieghu huma nkompatibbli mal-principju ta l-innocenza tieghu.

Illi f'dan il-kaz l-uniku prova ckejkna li hemm hija x-xhieda ta' persuna li qed tghid li kienet komplici fil-kaz ghalkemm mhux ko-akkuzata.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-**Artikolu 639(3)** tal-Kapitolu 9 u cioe':-

"*meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.*"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Maesta Taghha r-Regina vs John Bondin** datata tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 1921, gie ritenut li din ir-regola statutorja (li fil-ligi Ingliza hi biss regola ta' prudenza):

"*twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq ix-xhieda mhux konfermata ta' bniedem li 'ex admissis' hu kriminali.*

Dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli li l-istorja tal-komplici jew ko-partecipi hi vera li hu ragonevolment *safe* li wiehed joqghod fuqha.

Illi l-kaz klassiku li fih giet formulata l-ligi Ingliza f'din il-materja kien **Rex v Baskerville** (1916 - 2.K.B. 658) li rriteniet li:

"*it is sufficient if there is confirmation as to a material circumstance of the crime and of the identity of the accused in relation to the crime...it must be evidence which implicates (the accused)...*"

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George sive Gino Bezzina** nhar it-tletin ta' Marzu, 1993, il-korroborazzjoni hi biss:

"*evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true, not merely that the crime has been committed, but that it was committed by the accused.*"

u ma hemmx bzonn tkun tikkonsisti fi prova diretta li l-akkuzat ikkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroboranti tkun anke merament cikostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tmintax ta' Novembru, 1944 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Maesta Taghha r-Regina v George Bezzina et** li tghid:

"*meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa komplici fir-reat u x-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korroborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda tieghu ma hiex bizzejjed biex twassal ghal konvinzjoni ta' l-akkuzat. Imma l-korroborazzjoni mehtiega ma hiex fil-konferma b'xhieda ndipendenti ta' kull ma jghid il-komplici, huwa bizzejjed li jkun hemm*

*xhieda indipendenti li tolqot lill-akkuzat u testendi li tikkonnettieh mad-delitt, jigifieri xhieda, diretta jew indizzjarja, li timplika lill-akkuzat u tikkonferma lil komplici f'xi partikolarita' mportanti li l-akkuzat ikkommetta d-delitt.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija *fit-tnejn ta' Dicembru, 1998,* mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulziija v John Said et** fejn gie ritenut li l-ligi trid li sabiex xhieda ta' komplici jkollha valur probatorju, din, pero' neccessita' trid tkun korroborata sufficjentement minn provi ndipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux ghal veracita' tal-verzjoni ta' dik ix-xhieda fl-aspetti sostanzjali taghha izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni tigi stabbilita *nexus criminis* bejn din il-verzjoni u l-akkuzat. Trid tkun korroborazzjoni li twassal bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita kriminuza allegata minn Keith Galea fix-xhieda tieghu verament giet imwettqa mill-akkuzati. Fin-nuqqas li l-Prosekuzzjoni tasal sa dan il-grad, allura l-kaz kontra l-imputati ma jreggix.

Il-Qorti rat ukoll in-noti tal-**Professur Mamo** dwar is-suggett ta' korroborazzjoni ta' kompartecipi u fil-fatt jghid is-segwenti:

"*the corroboration required is not corroboration of every thing the accomplice relates or of every material participation (vide **Rex v Bezzina** - Qorti Kriminali deciza 18 ta' Novembru, 1944**)** what is required is a corroboration by other circumstances considered sufficient by the jury (vide **Rex v Cuschieri** deciza 30 ta' Marzu, 1915**)** confirming not merely a*

*material particular of the witness's story, but some particular which convicts the person himself with it (vide* ***Police v Sammut*** *deciz 29 ta' April, 1946 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***).**

Illi ghalhekk din il-Qorti zzid billi tghid li provi addizzjonali ma jridux ikunu necessarjament provi diretti, izda huwa bizzejjed jekk huma cirkostanzjali, bhal per ezempju x-xhieda ta' terza persuna, jew xi evidenza dokumentarja, jew ta' xi prova ta' xi cirkostanzi antecedenti, m'humiex necessarji li x-xhieda korroborattiva tikkonsisti f'repulzjoni ta' xhieda u fatti bl-ezatt. Ghandu jinzamm test oggettiv fis-sens li *does the corroborative evidence provide independent evidence implicating the accused with the crime charged?* Fil-fatt il-**Professur Mamo** jghid:

"*if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence of guilt of the accused and therefore an inference cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In* ***Thomas v Jones*** *(1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration*."

Ghalhekk din il-Qorti trid fl-ewwel lok tezamina x-xhieda li ta' Keith Galea f'dawn il-proceduri li mhix daqstant ezawrenti.

Jinghad li Keith Galea ddecieda li jikxef lill-imputati u jghid li kienu ppartecipaw fir-reati li hu stess kien akkuzat bihom fi stadju meta huwa

kien rinfaccjat b'dawn ir-reati u kien irregistra ammissjoni u ddecieda li jixhed ftit qabel ma nghatat is-sentenza fil-kofnront tieghu u kif jghid l-Ispettur Joseph Mercieca fix-xhieda tieghu dan il-fatt inghata piz meta dik il-Qorti giet biex terroga l-piena adegwata fil-konfront tieghu.

Fil-fatt meta gie mistoqsi kif effettivament iltaqghu u dan fix-xhieda li huwa ta l-Qorti nhar id-19 ta' Frar 2013 jibda billi jghid li l-imputati u terza persuna li ma jafx min hi u li ltaqa' maghhom dakinhar ghall-ewwel darba kienu marru ghalih bil-Maruti u huwa saq ghal warajhom lejn is-Sweiqi. Mistoqsi sabiex jispjega f'iktar dettal jghid "*li ma jiftakarhiex sewwa ….. Lanqas jaf jekk ghaddewx ghal karozza misruqa*" (fol. 68).

Mistoqsi x'kien liebes jghid li nesa x'kien liebes pero' jghid li Aaron Cassar kien liebes flokk ahmar u minn dan hu cert (fol. 71). Josef Aquilina jghid li l-malviventi kienu liebsin kompletament skur (fol. 59). Dan Galea jghid li waqt li l-imputat Cassar u l-persuna injota kienu gewwa sema zewg tiri. Jaf li huma gabru xi flus u hargu jigru t-tlieta li huma 'il barra waqt li l-imputat Grech kien qed jistenna hdejn il-*get away car*. Kuntrarjament id-derubat Josef Aquilina jghid li sema tir wiehed biss. Galea jkompli jzid u jghid li l-flus li serqu qasmuhom bejniethom u hadu s-somma ta' hamest elef ewro r-ras (€5,000). Issa Josef Aquilina jaghti dettalji ta' dak li nsteraq u jsemmi diversi denominazzjonijiet u affarijiet ohra pero' x-xhud John Gioacchino, il-Financial Controller tas-socjeta' li giet derubata jikkonferma li kien hemm sbatax-il elf, tlett mija u tlieta u tmenin Ewro (€17,383) f'*cash* kontanti. Ghalhekk dak li jghid Keith Galea li rcevew hamest elef ewro-il wiehed ma jistax ikun. Jinghad ukoll illi jekk kien veru kif qal Galea li huma qasmu r-rikavat ghaliex ma semmiex id-

denominazzjonijiet l-ohra? Meta Galea gie mistoqsi min kienet ir-raba' persuna jghid li ma jafhiex u sar jafha biss dakinhar u hawnhekk il-Qorti tistaqsi veru simili li persuna tmur taghmel *hold up* bla ma tkun taf min huma l-komplici taghha? Meta Colin Winfield gie mistoqsi jaghti deskrizzjoni tal-malviventi jghid li mhux possibbli li jiddiskrivi wicchom ghaliex kienu mghammda pero' jghid li kienu xi sitt piedi twal u kienu rqaq. Issa l-Qorti rat lill-imputati odjerni u tghid li la huma rqaq izda ta' statura medja u lanqas m'huma twal sitt piedi. Huwa x-xhud Keith Galea li hu twil sitt piedi u ta' statura rqiqa.

Illi f'din il-kawza l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova xjentifika ta' finger prints jew DNA li jorbtu lill-akkuzati max-xena tad-delitt u strahet biss fuq ix-xhieda tal-komplici Keith Galea. Il-Qorti pero' rat li hemm konflingenzi f'dak li qal Keith Galea u dak li rrizulta mill-process u ghalhekk tali xhieda mhix univoka u diretta biss lejn il-htija tal-imputati.

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti u cioe' li ezaminat bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi d-difiza ttentat taghti mottiv ghaliex Keith Galea ghogbu jsemmi lill-imputati odjerni bhal ko-partecipi f'dawn ir-reati pero' f'dan ir-rigward ghalkemm jidher li huwa minnu li Keith Galea kellu xi jghid mal-imputat Aaron Cassar minhabba Michelle Mangion il-Qorti ma tistax *ut sic* tghid li dik kienet ir-raguni li wassal lil Galea sabiex isemmi lill-imputati sentejn u nofs wara li effetivament sehhew ir-reati.

Il-Qorti ma thossx li x-xhieda ta' Galea kienet xhieda konvincenti sal-grad rikjest mill-ligi. Tal volta kienet evaziva u tal volta giet kontra detta minn provi ohra u ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li tali xhieda hekk isolata ghandha tkun bizzejjed biex torbot lil-imputati mar-reati odjerni. Il-Prosekuzzjoni setghet hadet hafna aktar informazzjoni u dettalji dwar dak li sehh minn Keith Galea jekk effettivament kien fuq il-post u ma taccettax il-fatt li Galea jghid li ma jiftakarx u ma jaghtix dettalji dwar dak li sehh. Bhal per ezempju min saq fuq il-post, x'ghamlu bir-rikavat li ma nstabx, x'ghamlu bl-armi li ntuzaw, ghaliex dam dak iz-zmien kollu sabiex jikxef l-allegati  komplici u domandi simili.

Illi huwa veru li l-imputat Aaron Cassar ma wegibx ghad-domandi li sarulu fl-istqarrija tieghu pero' dan ma jfissirx li din il-Qorti tista' tiehu xi inferenza u dan ghaliex huwa ghazel li ma jikkomunikax ma' avukat u ghalhekk kellu kull dritt li jibqa sieket. Issa meta xehed il-Qorti huwa cahad li ppartecipa fir-reati addebitati lilu u ttenta jaghti spjegazzjoni 'il ghala Keith Galea wehhel fih. L-imputat Joseph Grech minn naha l-ohra ghazel li jwiegeb id-domandi li sarulu waqt l-interrogatorju ghalkemm irrifjuta l-assistenza legali u ghalhekk hawnhekk ukoll din il-Qorti ma tistax taghmel inferenzi.  Fix-xhieda li ta l-Qorti huwa cahad li ppartecipa

u kkonferma l-istqarrija tieghu u rega’ sostna li ma setghax iwiegeb ghal certu domandi tal-Prosekuzzjoni ghaliex fil-lok li gie derubat ma kienx.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe’ l- **Artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87 (1)(e), 188, 251, 261(a)(b)(c), 262 (1) (a) (b)(2), 261(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271 (g), 275, 277, 278, 279(b), 280(1), 281(a)(b), 289, 325 (1) (a)(b), 532A u 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65, u l-Artikoli 5(1), 51 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputati AARON CASSAR u JOSEPH GRECH hatja tal-akkuzi u tilliberahom minnhom.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------